ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

24 AUG 2022

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 565**

**Il-Ħamis 21 ta' Lulju 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 565.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

565.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella ikun skużat.

565.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjura Anna Calleja fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Anna Calleja tkun skużata.

### 565.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

565.2.1 Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 564.3.5 u minflok il-kliem 'Il-Viċi Sindku qalet li fl-applikazzjoni ta' din il-miżura, is-somma allokata sabiex isir it-tindif, il-qlugħ ta' siġar u tħawwil ta' pjanti kien jammonta għal €4,400', jidħol il-kliem 'Il-Viċi Sindku qalet li fl-applikazzjoni ta' din il-miżura, is-somma allokata sabiex isir it-tindif, il-qlugħ ta' siġar u tħawwil ta' pjanti kien jammonta għal €5,900'

565.2.2 Il-minuti tal-564 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

### 565.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

565.3.1 Dwar il-proġett tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure,* is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw l-*interpretation panels* u x-xiri ta' pjanti skont l-iskeda annessa għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' *interpretation panel* waħda kienet għall-prezz ta' €708.00 VAT inkluż u l-orħos kwotazzjoni sabiex jiġu pprovduti pjanti *pistacia lentiscus*, *jacobeaea*, *myrtus communis* u *vitex agnus castus* kienet €7.40 VAT inkluż, għal kull xitla. Is-Sindku qal li l-prezzijiet imsemmija kienu għax-xiri ta' kull pjanta. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-prezz totali għax-xiri tal-*interpretation panels* kienx ser jammonta għal €2,832 peress illi kienet qed tinnota li l-prezz kien orħos mill-kwotazzjoni oriġinali. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-prezz kien orħos peress illi ma kienx jinkludi l-installazzjoni tal-*interpretation panels.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri l-*interpretation panels* mingħand l-orħos offerent għall-prezz ta' €2,832 VAT inkluż. Dwar ix-xiri tal-pjanti, is-Sindku qal illi l-erba' pjanti kienu indiġini. Il-Viċi Sindku qalet li nkluż ma' din il-kwotazzjoni kien hemm *delivery charge* ta' €25. Is-Sindku qal illi l-pjanti setgħu jinġiebu permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qalet li l-orħos offerent kien qed joffri wkoll pjanta partikolari li l-offerenti l-oħra ma kellhomx bħalha u għaldaqstant staqsiet jekk il-Kunsill setax jixtri il-ħames pjanta

wkoll. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li jekk kemm il-darba il-Kunsill jixtri l-ħames pjanta, l-offerent numru wieħed xorta waħda kien ser ikun l-aktar wieħed vantaġġjuż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba regolamenti finanzjarji marbuta max-xiri, il-pjanti mniżżla fil-kwotazzjoni jridu jkunu l-istess għal kull offerent inkella l-Kunsill ma jkunx jista' jaġġudika liema hi l-orħos kwotazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri l-pjanti *pistacia lentiscus*, *jacobeaea*, *myrtus communis* u *vitex agnus castus* mingħand l-orħos offerent għall-prezz ta' €7.40 VAT inkluż għal kull pjanta.

565.3.2 Dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill sabiex jiġu eżentati l-ħlasijiet għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet matul il-ġranet tal-festa, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet talbet direzzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li s-sezzjoni legali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kienet bgħatet bħala risposta li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04, ma tagħtix fakulta li l-Kunsill jista' jiddeċiedi huwa jekk jeżentax lil xi ħadd mill-ħlas ta' permess. Is-sitwazzjoni fejn il-liġi tagħti eżenzjoni minn ħlas, huma ċari fil-liġi stess, u ma jidhirx li din hija waħda minnhom.

565.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi wara diversi komunikati mal-kumpanija responsabbli mill-*bring in sites* madwar il-lokalità, l-Iskema kollettiva, il-kumpanija *Green MT* kienet lesta tinstalla tlett *CCTv's* fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar madwar il-*bring in sites.* Dan sabiex jitnaqqas l-abbuż tar-rimi llegali. Is-Sindku qal illi l-iskema ser tħallas għas-sistema tas-*CCTv*'s kif ukoll għall-installazjoni tal-istess sistema, bil-kundizzjonijiet dawn segwenti: il-Kunsill irid jieħu ħsieb ix-xogħol amministrattiv biex issir l-applikazzjoni u jkun responsabbli mill-ispiża tal-kontijiet tad-dawl u tal-*internet* u anke biex jinġieb id-dawl fejn tidħol applikazzjoni. Barra minnhekk il-moniteraġġ isir biss mil-LESA mingħajr ħlas u l-informazzjoni bid-drittijiet salvagwardjata tal-*GDPR* jingħataw sew lill-Kunsill u lill-Iskema għal kull kontravenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li r-responsabbiltà tal-infurzar ma kinitx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-ispiża għal kull sit kienet tikkonsisti fi ħlas tal-applikazzjoni tad-dawl li kienet tiswa €300, l-ispiża tal-*meter* tad-dawl, l-ispiża tal-konsum tad-dawl u l-ispiża tal-*internet.* Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti sabiex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar dan. Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-fehma tiegħu is-*CCTv* ma jafx kemm jistgħu jkunu ta' deterrent jekk ma jkunx hemm monitoraġġ tas-sistema b'mod kontinwu. Is-Sur Joseph Agius qal illi minkejja li hemm is-*CCTv* fi Ġnien il-Kunsill, xorta waħda kien qed jintrema l-iskart maġenb il-latrina. Is-Sur Angelo Scicluna qal li jekk is-sistema tkun imqabbda mal-LESA, isir infurzar żgur. Is-Sindku qal li l-każ li semma s-Sur Agius kien differenti peress illi s-*CCTvs* ta' Ġnien il-Kunsill ma kienux imqabbdin mal-LESA. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-futur viċin mistenni jkun hemm l-introduzzjoni tal-*Community Policing* fil-lokalità. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi din kienet l-unika soluzzjoni sabiex jinqata' l-abbuż. Is-Sindku qal illi kien qed jistma li l-ispiża ta' sena tal-konsum tad-dawl kienet ser tammonta madwar għaxar (10) għaxar jew għoxrin (20) Ewro u żied jgħid li hemm il-possibiltà li l-Kunsill seta' jiffranka l-

konsum tad-dawl. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibgħat jinforma lil-Iskema kollettiva, il-kumpanija *Green MT* li l-Kunsill lest jaċċetta jħallas l-ispejjeż kif mitlub skont il-kundizzjonijiet imsemmija. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li s-sistema taħdem bil-pannelli solari. Is-Sindku qal illi matul il-ġranet tax-xitwa, meta t-temp ikun imsaħħab għal numru ta' ġranet, il-batterija ma sservix. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi l-Kunsill għandu għażla, jew iħallas l-ispiża rikorernti li jġibu magħhom dawn is-*CCTv's* jew iħallas għall-ispejjeż marbuta mal-ġbir ta' skart goff li jintrema madwar il-*bring in sites* u joqgħod għal kritika tar-residenti għax ma jkunx installa is-*CCTv's*. Is-Sur Scicluna staqsa kemm kienet ser tiġi l-ispiża. Is-Sindku qal illi l-ewwel darba l-Kunsill irid iħallas €900 għall-applikazzjoni tad-dawl, u spiża rikorrenti ta' madwar €2,000 fis-sena li tinkludi l-kirja tal-*meter* tad-dawl, konsum u spejjeż tal-*internet*. Is-Sindku qal li dan ser ikun investiment sabiex il-lokalità tkun aktar nadifa. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kien ser idaħħal flus il-Kunsill miċ-ċitazzjonijiet li kienu ser jingħataw. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx ser idaħħal flus minn dawn il-kontravenzjonijiet u żied jgħid li permezz ta' dawn il-multi l-Kunsilli Lokali kienu qed igawdu minn proġetti li kienu qed jiġu ffinanzjati mill-fondi tal-LESA. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien jibbenefika minn €80,000 u ser jiffinanzja l-proġett tar-restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-ċimiterju permezz tal-fondi tal-LESA. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-proposta tal-kumpanija *Green MT* u jinstalla tlett *CCTv's* fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar madwar il-*bring in sites* bil-kundizzjonijiet dawn segwenti: il-Kunsill irid jieħu ħsieb ix-xogħol amministrattiv biex issir l-applikazzjoni u jkun responsabbli mill-ispiża tal-kontijiet tad-dawl u tal-*internet* u anke biex jinġieb id-dawl fejn tidħol applikazzjoni. Barra minnhekk il-moniteraġġ isir biss mil-LESA mingħajr ħlas u l-informazzjoni bid-drittijiet salvagwardjata tal-*GDPR* jingħataw sew lill-Kunsill u lill-Iskema għal kull kontravenzjoni.

565.3.4 Is-Sindku tkellem dwar it-talba tad-Direttorat għad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni sabiex il-kontijiet tal-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill jgħaddi għand il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet talbet lid-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni kemm kienet in-nefqa għas-sena 2021. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li filwaqt li d-Diviżjoni bgħatet kopja tal-kontijiet, il-Kunsill ġie nfurmat li l-arloġġ tal-ilma kien jinsab wieqaf. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont il-kontijiet mibgħuta hemm stima ta' madwar €1,000 fis-sena iżda l-kont mhux korrett minħabba li l-arloġġ tal-ilma kien wieqaf. Is-Sindku qal li qabel ma' l-Kunsill jaċċetta t-trasferiment tal-kontijiet, id-Direttorat għad-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni għandu jħallas il-pagamenti kollha pendenti. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsill dwar din il-materja. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li l-ewwel għandhom jitħallsu l-kontijiet pendenti imbagħad il-kontijiet tal-latrina jgħaddu fuq il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kull spiża rikorrenti li ser jidħol għalija l-Kunsill, trid titħallas kull sena mill-allokazzjoni finanzjarja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta jħallas il-kontijiet tal-ilma tal-latrina pubblika li hemm fi Ġnien il-Kunsill wara li jitħallsu l-kontijiet li hemm pendenti.

565.3.5 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva proposta minn Uffiċjal Koordinatur fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali f'isem resident li joqgħod fi Triq San Leonardu, fil-viċinanzi tar-*roundabout* kif tidħol lejn il-kumpless ta' Maġġi, sabiex isir tibdil fis-sistema ta' traffiku u parti minn Triq San Leonardu issir *one way*. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni PA9739/18 u qal illi l-Kunsill, fil-passat, diġa kien iddiskuta din il-proposta meta irċieva talba minn *Transport Malta* sabiex isir tibdil fis-sistema ta' traffiku u parti minn Triq San Leonardu issir *one-way* b'mod permanenti. Is-Sindku qal li din il-proposta diġa ġiet approvata minn Transport Malta; il-fluss tat-traffiku jidħol minn Triq San Leonardu jinżel minn naħa tax-Xgħajra u jerġa' jitla' mit-telgħa tax-Xgħajra. Is-Sindku żied jgħid li diversi trakkijiet u karozzi joħorġu kontinwament minn Triq San Leonardu u peress illi hemm żewġ karreġġjati qed jinħoloq periklu minħabba li s-sewwieqa qed isibu vetturi ma' wiċċhom fil-kurvaturi tat-triq. Is-Sindku spjega li t-tibdil fis-sistema tat-traffiku kien għadu ma ġiex implimentat minħabba xogħlijiet infrastrutturali li kienu qed isiru fl-istess triq u minħabba diversi devjazzjonijiet marbuta mal-istess xogħolijitet. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet x'tip ta' risposta kienet ser tintbgħat lill-Uffiċjal Koordinatur fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali dwar din il-proposta. Is-Sindku talab li tintbgħat kopja tal-approvazzjoni u tal-komunikazzjoni li saret ma' *Transport Malta* dwar tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq San Leonardu marbuta mal-applikazzjoni numru PA9739/18 lill-Uffiċjal Koordinatur fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

565.3.6 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar tiġdid tal-polza tal-Assigurazzjoni - *Life Policy* għall-Presidenti Reġjonali, Sindki, Viċi-Sindki u Kunsillieri. L-Assoċjazzjoni qed terġa' toffri rata vantaġġjuża ta' €65.00 għal kull membru elett bejn 18-il sena u il-65 sena. Is-Sindku qal li huwa kien interessat li jissieħeb u staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm min hu nteressat f'din l-assigurazzjoni. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill unanimament li s-Sindku jissieħeb fl-assigurazzjoni tal-*Life Policy* u li l-Kunsill iħallas is-somma ta' €65 lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

565.3.7 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, nhar il-Ħadd 21 t'Awwissu, 2022 tiġi organizzata l-ġirja Zabbar 5km u 3km. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jorganizza l-ġirja *5km* u *3km* flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000 VAT inkluż.

565.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-attivita' tal-ewwel Sibt tal-Grazzja ġiet organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u li l-ispejjeż marbuta ma' din l-attivita' kienu jammontaw għal-€268 VAT Inkluż.

565.3.9 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza li ġiet mibgħuta lill-Kunsill mill-Ministeru tas-Saħħa u l-Enerġija sabiex jiġu identifikati żewġ siti ġodda għall-installazzjoni ta' *charging pillars* bħala sostizzjoni tac-*charging pillars* li kienu ġew proposti li jsiru fi Triq Alessio Erardi u fi Triq is-Selq. Is-Sindku qal li kopja ta' din il-korrispondenza kienet intbgħatet lill-Kunsillieri permezz tal-*email* iżda ħadd ma kien bagħat *feedback* dwar dan. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien bagħat jinforma lill-Ministeru tas-Saħħa u l-Enerġija li l-Kunsill kien qed jipproponi li ssir *charging pillar* fi Triq Santa Duminka u oħra fi Triq il-Fiġel bħala sostizzjoni.

565.3.10 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mal-Ispettur tal-Pulizija ġiet diskussa l-possibilità li matul ix-xahar ta' Settembru jidħol fis-seħħ il-*community policing* fil-lokalità. Is-Sindku spjega li s-sħubija bejn il-Pulizija u l-komunità hija mmirata sabiex jiġu ndirizzati l-kawżi ta' reati u l-biża ta' reati fil-komunità. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti sabiex jibgħatu jinfurmaw lill-Kunsill l-inħawi fejn l-iktar li jsiru reati u attivitajiet kriminali sabiex b'hekk jiġu diskussi matul il-laqgħat flimkien mal-*community policing.*

565.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Uffiċjal tal-Komunità *Steward* Għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kien beda l-impjieg tiegħu mal-Kunsill.

565.3.12 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mingħand il-Kumitat organizzattiv tal-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti sabiex il-pellegrinaġġ annwali tal-muturi u tar-roti li jsir f'jum il-festa u l-pellegrinaġġ tar-roti tat-tfal li jsir il-Ħadd ta' qabel il-festa jiġu organizzati bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-pellegrinaġġ tar-roti tat-tfal u tal-kbar u jħallas parti mill-ispejjeż tal-*mobile toilets*, tas-servizz tal-pulizija, tat-tindif, tal-ambulanza, xiri tal-flixken tal-ilma, apparat teknoloġiku fejn jidħol is-*sound*, stampar ta' *posters* u *souvenirs* li jingħataw bħala tifkira lil kull parteċipant, liema spiża m'għandhiex tabeż is-somma ta' €1,000 VAT inkluż.

565.3.13 Is-Sindku staqsa lis-Sur Joseph Buttigieg jekk kienx ser jorganizza attività tal-anzjani matul ix-xahar t'Awwissu u Settembru. Is-Sur Joseph Buttigieg wieġeb fin-negattiv.

565.3.14 Dwar il-proġett tal-fondi tal-LESA, is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Perit tal-Kunsill kien lesta l-pjanti neċessarji tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-ċimiterju u l-Kunsill kien ser jipproċedi biex jissottometti l-applikazzjoni tal-*Planning Authority*. Is-Sindku żied jgħid li kif il-perit ilesti l-ispeċifikazzjonijiet tax-xogħlijiet meħtieġa, jibdew il-preparamenti sabiex tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

565.3.15 Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart li l-Kunsill għandu u qal illi l-Kunsill kien irċieva numru ta' lmenti dwar is-servizz. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart ma kienx qed ilaħħaq mad-domanda tal-ġbir ta' skart goff u għaldaqstant talab li jwaqqaf il-

kuntratt. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kellu jsib kuntrattur b'emerġenza sabiex ikompli jiġbor l-iskart goff. Is-Sindku spjega li għas-sejħa tal-ġbir ta' skart ZLC 1/2022, il-Kunsill kien irċieva tlett offerti, u t-tieni orħos offerent għall-ġbir ta' skart goff kien l-istess kuntrattur, b'offerta simili, imma ftit għolja minn dik rebbieħa. Is-Sindku żied jgħid li l-kuntrattur kien infurmah li mhux lest jaċċetta l-kuntratt f'każ li l-Kunsill imur għat-tieni orħos offerta. Sadanittant, il-Kunsill irċieva ittra legali mingħand it-tielet offerent fejn għamilha ċara li ma kienx lest li jiġbor skart goff sakemm ma jkollux il-kuntratt fuq ismu u l-Kunsill ġie nterpellat sabiex jagħddi u jagħti l-offerta tal-ġbir ta' skart lit-tielet offrent. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa il-għaliex il-Kunsill ma kienx ser jagħżel it-tielet offerent. Is-Sindku qal illi t-tielet offerent kien *overbudget* u li kien tefa' l-offerta tiegħu id-doppju ta' kemm kien jiswa l-*budget* tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien iddiskuta l-ittra legali li l-Kunsill kien irċieva mingħand it-tielet offerent mal-avukat tal-Kunsill. Il-parir tal-avukat tal-Kunsill kien li l-*contracting authority* għandu l-għażla li joħroġ sejħa ġdida għall-offerti, jekk il-kuntratt mat-tielet offerent ma jkunx ekonomikament vantaġġuż.

565.3.16 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet għal-laqgħa fis-7.00 ta' filgħaxija.

565.3.17 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li l-Kunsill iżomm il-garanzija bankarja tal-kuntrattur peress illi l-kuntratt ma ġiex onorat. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien għaddej b'diversi laqgħat mal-kuntrattur sabiex isib soluzzjoni dwar il-problemi ta' ġbir ta' skart goff. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ma kienx jaf li l-kuntrattur kien waqaf. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur kien bagħat jinforma lill-Kunsill ftit tal-jiem biss qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Kunsill għandu jżomm il-*performance bond* sabiex jirkupra l-ispejjeż. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kellux għalfejn itellfu l-*performance bond* peress li ma kienx ser jitħallas tal-ġbir ta' skart goff li ma kienx inġabar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart goff u li tintbgħat ittra legali bħala risposta lit-tielet offerent li l-*contracting authority* għandu l-għażla li joħroġ sejħa ġdida għall-offerti, jekk il-kuntratt mat-tielet offerent ma jkunx ekonomikament vantaġġuż.

565.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ingħata l-aħħar saff ta' tarmak fiż-żona ta' madwar l-iskola u fil-jiem li ġejjin kien ser jingħata t-tarmak fi Triq A Caligari. Ix-xogħlijiet tal-proġett tal-*Urban Greening* li kienu qed isiru fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li qiegħda fi Triq is-Santwarju, fi Triq Ġużeppi Pace u fi Triq Santa Duminka kien miexi ġmielu. Is-Sindku żied jgħid li kienu qed isiru diversi xogħlijiet permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun fosthom ġie rranġat spazju miftuħ li hemm fil-viċinanzi tal-*pitch* tal-boċċi ġewwa St Peter. Ġie rranġat il-ħajt tas-*soft area* li hemm fi Triq iċ-Ċimiterju permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill. Barra minnhekk il-kuntrattur tal-Kunsill kien qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni tal-ħitan tas-*soft areas* ġewwa l-*Housing Estate* u bini ta' ċnut fi Triq il-Luq. Is-Sindku qal li waqt li beda jsir ix-xogħol fuq iċ-ċint fi Triq il-Luq, proprjetarju ta' garaxx li hemm fil-viċinanzi, kien infurmah li fil-passat il-garaxx tiegħu kien jiġi ostakolat minħabba li kienu jitpoġġew boroż tal-iskart. Wara li saret it-triq minn

*Infrastructure Malta,* kien tneħħa l-ħajt u minflok kienet saret rampa u l-problema tal-ġbir tal-iskart quddiem il-garaxx kienet intemmet. Is-Sindku qal illi kien leħaq ftehim ma' sid il-garaxx u minflok ħajt kienet ittella' kurduna tal-konkos ta' madwar sitt pulzieri. Fil-frattemp l-avukat ta' sid il-garaxx leħaq bgħat ittra legali lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li wara li ntbgħatet l-ittra legali, sid il-garaxx reġa' bagħat jirringrazzja l-Kunsill permezz ta' ittra, talli bidel il-pjanijiet u tella' kurduna tal-konkos ta' sitt pulzieri minflok il-ħajt. Is-Sindku qal li l-problema kienet leħqet ġiet riżolta sakemm l-avukat ta'sid il-garaxx bgħat l-ittra legali. Il-Viċi Sindku issuġġeriet li kif jitlesta x-xogħol ta' manutenzjoni fil-ħitan tas-*soft areas* jitħawwel xitel u fjuri. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser isir xogħol ta' manutenzjoni fi Triq il-Fikus minħabba li l-għeruq tas-siġra kien għamel ħsara fil-passaġġ.

565.3.19 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Perit tal-Kunsill kien ħejja pjan ta' parkeġġ għaż-żona ta' Buleben iż-Żgħir u qal li l-Kunsill kien ser jgħaddi dawn il-pjanti għall-approvazzjoni ta' *Transport Malta.*

565.3.20 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-proġett tal-*WiFi4EU* kien tlesta.

**565.4Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

565.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto kumitat.

**565.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

565.5.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-15 ta' Ġunju 2022 u l-21 ta' Lulju 2022 li kienet tammonta għal €64,586.98.

**565.6 Siġar u pjanti invażivi madwar il-lokalità**

565.6.1 Is-Sindku qal illi f'diversi *soft areas* li hemm madwar il-lokalità kien hemm diversi siġar invażivi u ssuġġerixxa li minflok dawn is-siġar jitħawwlu siġar indiġini. Is-Sindku qal illi kien ser iġib kwotazzjonijiet sabiex jitneħħew s-siġar invażivi u nforma lill-membri preżenti li waqt komunikat li kellu ma' Ambjent Malta ġiet diskussa l-possibilità li Ambjent Malta joffru siġar taż-żebbuġ jew siġar indiġini sabiex jitħawwlu minflok is-siġar invażivi. Il-Viċi Sindku offriet l-għajnuna tagħha u talbet li tiġi involuta peress illi kien id-dekasteru tagħha. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex is-siġar invażivi jinbidlu b'xi siġar indiġini. Il-Sindku qal li l-maġġoranza tas-siġar invażivi kienu siġar tal-*yucca.* Il-Viċi Sindku semmiet l-importanza li jinqalgħu siġar invażivi biss u ssuġġeriet li l-Kunsill jikkonsulta mal-ERA. Is-Sindku ppropona li minflok il-pjanti invażivi jitħawwlu siġar indiġini. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**565.7 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

565.7.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura IGV507 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €839.39 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tal-Kaptan Patarick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta minħabba li f'din l-imsemmija triq kien qed isir xogħol infrastrutturali mill-Gvern Ċentrali. [1]

565.7.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand kumpanija tal-assigurazzjoni f'isem il-klijent tagħha, sid il-vettura numru ta' reġistrazzjoni RAMON, dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq San Leonardu. Dwar il-ħsarat fil-vettura, il-kumpanija tal-assigurazzjoni infurmat lill-Kunsill li kienu qed jispezzjonaw il-vettura u li għad iridu jibgħatu r-rapport tal-istħarriġ. Fuq proposta tal-Kaptan Patarick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbagħat ittra legali bħala risposta minħabba li f'din l-imsemmija triq kienu għaddejjin ix-xogħolijiet infrastrutturali mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. [2]

**565.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

565.8.1 Il-Viċi Sindku semmiet il-ħtieġa li jitnaddfu l-ispralli tal-ilma li hemm fi Triq is-Saqwi.

565.8.2 Il-Viċi Sindku rreferiet għat-talba li l-Kunsill kien irċieva mingħand is-Sur Malcolm Schembri dwar il-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar, fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk hux ser isir avviż mill-Kunsill f'din il-pubblikazzjoni. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppubblikat avviż għall-ħlas ta' €95.

565.8.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata tas-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel avviż fil-publikazzjoni Leħen is-Santwarju u fil-pubblikazzjoni li toħroġ fiż-żminijiet tal-festa mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ.

565.8.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda', liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000.

565.8.5 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata bankina mkissra fi Triq il-Ġilju maġenb is-*substation* tad-dawl. Is-Sur Joseph Agius qal illi diġa kien irraporta dan l-ilment erba' ġimgħat ilu.

565.8.6 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir xogħol ta' manutenzjoni tal-bankijiet li hemm fi Triq tal-Labour u semma l-ħtieġa li jiġu rranġati s-siġar li hemm minħabba li qegħdin imxeqilbin. Is-Sindku qal illi ftit tal-ġranet ilu dawn is-siġar ġew miżbura.

565.8.7 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi il-qsari li hemm fi Triq tal-Labour kienu neqsin mill-ħamrija u talab biex il-Kunsill javża lill-kuntrattur responsabbli miż-żamma u manutenzjoni tas-*soft areas* dwar dan.

565.8.8 Is-Sur Mark Grech irrefera għall-ilment li l-Kunsill irċieva dwar Triq San Ġużepp, Sqaq Numru 3 u qal li kien hemm diversi problemi fosthom il-ġbir tal-iskart peress illi l-kuntrattur responsabbli ma kienx qed jiġbor il-boroż minn wara l-bibien u r-residenti kienu qed joħorġuhom fil-kantuniera. Is-Sindku qal illi l-ilmenti ta' Triq San Ġużepp, Sqaq Numru 3 kienu qed jiġu ndirizzati u l-*contracts manager* tal-Kunsill kien ġie nfurmat b'dawn l-ilmenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill ġew irrapurtati lill-entitajiet konċernati.

565.8.9 Is-Sur Mark Grech qal illi wara li tlesta x-xogħol ta' tarmak fi Triq Spadaro kienu twaħħlu r-*road humps*. Is-Sindku qal illi r-*road humps* ma kienux twaħħlu mill-Kunsill. Is-Sur Mark Grech qal illi ftit tal-jiem qabel ma twaħħlu, uħud mir-residenti kienu kellmuh sabiex dawn ir-*road humps* ma jsirux wara biebhom. Is-Sindku qal illi qabel ma saret it-triq kien hemm *road humps* tal-konkos. Is-Sur Mark Grech qal *road hump* minnhom kienet saret bla permess. Is-Sindku żied jgħid li wara li ingħata t-tarmak, il-vetturi bdew jgħaddu bi speed eċċessiv u r-*road humps* kien hemm bżonnhom. Is-Sur Mark Grech qal li r-*road hump* li kienet saret fil-viċinanzi ta' Triq Spadaro fl-2013 kienet saret bla permess. Is-Sindku qal illi r-*road humps* saru minn Transport Malta. Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva lmenti dwar dawn ir-*road humps*. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

565.8.10 Is-Sur Joseph Agius qal illi ilu jirraporta ħofra f'Misraħ San Ġakbu qabel taqbad Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi dik mhux ħofra imma kienet sfrundat it-triq.

565.8.11 Is-Sur Joseph Agius talab li jitnaddfu l-mirja tat-toroq. Is-Sindku qal illi wara l-aħħar xita tal-ħamrija kienu tnaddfu l-mirja ta' kullimkien u talab lis-Sur Agius jinfurmah liema mirja jeħtieġ jitnaddfu.

565.8.12 Is-Sur Joseph Agius staqsa min kien responsabbli ikaħħal il-kurduni tal-bankini. Is-Sur Agius qal illi kienu nbidlu l-bankini fi Triq Strickland u l-bankini baqgħu ma tkaħħlux.

565.8.13 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet qed torganizza diversi attivitajiet u ġieli dawn ma jilħqux jiġu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill u għaldaqstant ma jkunx jista' jattendi għall-attività. Is-Sindku qal li l-maġġoranza tal-attivitajiet ma' jkunx hemm għalfejn tistenna l-laqgħa tal-Kunsill biex tibbukja. Is-Sur Joseph Agius qal illi mhux l-ewwel darba li għamel hekk iżda fid-9 t'Ottubru 2022 ser ikun hemm il-*European Week of Regions and Cities* u

staqsa jekk il-Kunsill kienx jaf b'din l-attività. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet iċċirkolat il-korrispondenza lill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Sur Agius staqsa xi jrid isir f'każ li wieħed ikun interessat jattendi peress illi huwa kien interessat jattendi. Is-Sur Agius staqsa min kien ser iħallas tal-ispejjeż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kull min kien interessat kellu jibgħat jinforma lill-Kunsill għall-approvazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Agius biex għal darb'oħra jilħaq javża minn qabel il-laqgħa sabiex tilħaq tiċċekja l-affarijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li skont il-fehma tagħha, la hemm bżonn approvazzjoni tal-Kunsill, sinjal li l-Kunsill irid iħallas u mhux l-individwu.

565.8.14 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sur Joseph Agius li kienet bgħatitlu *calendar invite* minħabba l-*interviews* tal-Uffiċjal Eżekuttiv (skala 13).

565.8.15 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa meta u jekk kienx ser isir riċeviment tal-festa. Is-Sindku qal li kien qed jitħejja l-programm għad-delegazzjoni barranija li ser iżżur Ħaż-Żabbar matul il-ġranet tal-festa u li l-festin għandu jsir meta d-delegazzjoni tkun Malta. Is-Sindku qal illi s-Sindku tal-Portugal u s-Sindku ta' Eschborn kienu ser jipparteċipaw matul il-pellegrinaġġ tar-roti. Is-Sindku qal illi dwar ir-riċeviment tal-festa kien ser jinfurma lill-Kunsill aktar 'il quddiem. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-passat il-festin kien jiġi organizzat nhar il-Ġimgħa tal-festa. Is-Sur Joseph Agius qal illi huwa kien lest li jieħu ħsieb id-delegazzjonijiet ser ikunu qed iżuru Ħaż-Żabbar matul il-ġranet tal-festa.

**565.9 Mozzjonijiet**

565.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**565.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

565.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 23 t'Awwissu, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

565.10.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-567 laqgħa li saret nhar it- Tlieta 23 t'Awwissu, 2022.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku